Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 237/2007

**Theresa Sammut bil-karta ta` l-identita` numru 110149(M) u Rosario sive Louis Sammut bil-karta ta` l-identita` numru 936348(M)**

***kontra***

**1. George Zammit bil-karta ta` l-identita` numru 818039(M) ;**

**2. Anthony Zammit bil-karta ta` l-identita` numru 751344(M) ;**

**3. Doris Zammit bil-karta ta` l-identita` numru 32643(M) ;**

**4. Mary Mizzi bil-karta ta` l-identita` numru 1053146(M) ;**

**5. Helen Sciberras bil-karta ta` l-identita` numru 783060(M) f`isimha proprju u f`isem l-assenti Gaetana**

**maghrufa bhala Tania Milner bil-karta ta` l-identita` numru 327965(M);**

**6. Marcon Agius bil-karta ta` l-identita` numru 152869(M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-2 ta` Marzu 2007 li jaqra hekk –

*1. Illi fl-ghaxra ta` Awissu tas-sena elfejn u hamsa (10.08.2005) mietet Vincenza Zammit (Dok. A) li tigi omm l-attrici u l-konvenuti George, Anthony, Doris u Mary Mizzi, ilkoll ahwa Zammit u n-nanna materna tat-tlett konvenuti l-ohra cioe` Helen Sciberras, Gaetana maghrufa bhala Tania Milner u Marcon Agius, ulied il-mejta Josephine Cilia ;*

*2. Illi l-attrici kif ukoll zewgha ghal bosta snin irrendew servigi, kura u assistenza lil Vincenza Zammit qabel il-mewt taghha kollox kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*3. Illi, fost affarijiet ohrajn, l-attrici kienet ilha ghal zmien twil tiehu hsieb tigbor ghan-nom ta` ommha l-kera tal-hanut mikri lil Pawlu Caruana fi Triq il-Kbira l-Hamrun u dan b`kollox ghal xi erbghin (40) sena ;*

*4. Illi hija kienet ukoll takkumpanja lil ommha, Vincenza Zammit, biex thallas il-kera dovuta fuq il-hanut lil Mrs Jones fil-Belt Valletta. Meta ommha kienet indisposta l-attrici marret ukoll wahedha biex thallas din il-kirja ;*

*5. Illi kif jirrizulta minn Dok B kienet saret prokura generali fid-19 ta` Jannar 2001 ghand dak li huwa llum l-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi. Din ma kenitx l-uniku prokura li saret. Infatti kienet saret prokura snin qabel ghand l-istess avukat. Permezz ta` dawn il-prokuri l-attrici kienet tiehu hsieb taghmel is-servizzi bankarji u ohrajn ghan-nom ta` ommha ;*

*6. Illi f`Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) Vincenza Zammit dahlet residenti f`dar ta` l-anzjani fl-Imsida. L-attrici baqghet tiehu hsieb kull bzonn ta` ommha. Vincenza Zammit iddahhlet ukoll ghal xi zmien ghall-kura fl-Isptar Boffa kif ukoll xi drabi ohra giet rikoverata fl-Isptar. F`dawn iz-zminijiet l-attrici kienet tipprovdi lil ommha kull necessita` li kienet titlobha bhal medicini, ikel u frott ;*

*7. Illi barra li kienet tmur taraha l-attrici u zewgha kienu johorgu lil Vincenza Zammit kull nhar ta` Hadd ghal nofs ta` nhar jew ghal ftit sighat f`diversi postijiet ;*

*8. Illi l-attrici baqghet tiehu hsieb ommha b`dan il-mod sa Novembru 2003 peress li mbaghad hija kellha tieqaf minhabba ragunijiet ta` sahha ;*

*9. Illi ghal dak li jirrigwarda Rosario sive Louis Sammut huwa kien wassal lil martu u lil Vincenza Zammit meta din ta` l-ahhar kien ikollha bzonn tmur l-isptar Boffa kif ukoll xi qadjiet ohra ;*

*10. Illi inoltre kull nhar ta` Hadd kien johrog lil Vincenza Zammit ghal nofs ta` nhar jew ftit sighat u dan kollox a spejjez tieghu u ta` martu ;*

*11. Illi huwa gieli anke ghamel xi xoghol fit-terran ta` l-imsemmija Vincenza Zammit ;*

*12. Illi d-defunta Vincenza Zammit kienet sahansitra rrikonoxxiet dawn is-servizzi rezi lilha mill-attrici tant li fit-testment maghmul minnha fit-2 ta` Gunju 2001 (fl-atti tan-Nutar Dr. Sandro Schembri Adami) hija kienet ordnat u halliet "b`titolu ta` legat in piena u assoluta proprjeta`, konsegwibbli wara mewtha, l-ammont ta` elfejn lira Maltin (Lm2,000) ghal darba wahda biss, bhala apprezzament ghas-servigi resi, lil bintha Theresa sive Tessie mart Louis sive Rosario Sammut, residenti l-Marsa" (Dok. C) ;*

*13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza minhabba li l-atturi qatt ma rcevew kumpens ghal dawn is-servigi minnhom rezi, minkejja li huma nterpellaw lil konvenuti sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta` l-istess.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-atturi jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun : -*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi pprestaw servigi, kura u assistenza lill-imsemmija Vincenza Zammit u li ghalhekk huma ntitolati ghal kumpens ;*

*2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta` perit nominand, l-ammont dovut lill-atturi in linea ta` kumpens ghas-servigi, kura u assistenza minnhom rezi, kif fuq inghad ; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fit-<u>3 ta` April 2007</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi skond l-ahhar volonta` tad-'decuius' Vincenza Zammit ossija skond l-ahhar testament taghha senjatament ir-raba` artiklu tal-istess l-istess testatrici ddikjarat li "kull wiehed jew wahda minn uliedha li ha hsiebha, jigifieri harigha, xtralha u ha hsieb ta` hwejjigha, jew daru biha u ghaddew il-lejl maghha, hi kkumpensathom sodisfacentement kollha kemm huma f`hajjitha" ;*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, m`huwiex minnu li l-atturi rrendew xi servigi li ghalihom ma gewx diga` sodisfacentement kompensati ;*

*3. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe servigi rezi mill-atturi gew hekk rezi "familiaritias causa" u minghajr il-hsieb ta` kumpens ;*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz m`hemm ebda ammont x`jigi likwidat favur l-atturi ;*

*5. Illi t-talbiet attrici huma altrimenti fondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta mahlufa.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mill-partijiet rispettivament mar-rikors guramentat u mar-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici (fol 34 sa fol 37).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Margaret Vella fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 41).

Rat in-nota tal-atturi tas-7 ta` Novembru 2007 (fol 44) bid-dokumenti (fol 45 sa fol 48) li jsostnu l-istess nota.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Rosario Sammut (fol 50 u fol 51) fl-udjenza tas-7 ta` Jannar 2008.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi (fol 55).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Doris Zammit (fol 61 sa 63) u ta` Mary Mizzi (fol 64 sa 67).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Miranne Sciberras (fol 69).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tan-Nutar Dottor Sarah Agius (fol 73).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Anthony Galea (fol 76 u 77) fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2008.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Joseph Mizzi (fol 79) u Vivienne Zammit (fol 80).

Rat rapport tal-pulizija datat 5 ta` Lulju 2005 (fol 81 sa fol 82) li kien esebit man-nota tal-konvenuti tas-6 ta` Novembru 2008.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Doris Zammit (fol 85 sa fol 100) u ta` Stephen Caruana (fol 101 sa fol 103) waqt li seduta li saret fl-14 ta` Jannar 2005 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Mary Mizzi fl-udjenzi tal-20 ta` April 2009 (fol 109 sa fol 120), tat-18 ta` Gunju 2009 (fol 125 sa fol 141), tal-20 ta` Ottubru 2009 (fol 199 sa fol 205) u tal-11 ta` Ottubru 2010 (fol 231 sa fol 233) quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-dokument li kien esebit mill-konvenuti b`nota tad-19 ta` Awissu 2009 (fol 124).

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Borg Cardona bhala rapprezentant tal-Bank of Valletta plc fl-udjenzi tal-20 ta` Ottubru 2009 (fol 197 u fol 198), tat-12 ta` Novembru 2009 (fol 209 sa fol 212) u tal-1 ta` Marzu 2010 (fol 227 u fol 228)

Semghet ix-xiehda ta` George Zammit (fol 206) fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 u l-kontroezami tieghu fl-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2010 (fol 234 sa fol 251) u tas-16 ta` Dicembru 2010 (fol 265 sa fol 280).

Rat id-dokumenti kollha li kienu esebiti mill-persuni li xehdu fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 (fol 142 sa fol 190) u fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010 (fol 213 sa fol 225).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2010 (fol 254 sa fol 264 u fol 282 sa fol 283)

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Marzu 2011 (fol 283) fejn inghalaq il-gbir tal-provi.

Rat in-nota ta` oservazzjonijiet tal-atturi (fol 286 sa fol 305).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti (fol 307 sa fol 318).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

**Ikkunsidrat :**

## II. **<u>Sintesi tal-Provi</u>**

L-attrici Theresa Sammut u l-konvenuti George Zammit, Anthony Zammit, Doris Zammit u Mary Mizzi huma ahwa. Il-konvenuti l-ohra u cioe` Helen Sciberras, Gaetana sive` Tania Miller u Marcon Agius huma n-neputijiet tal-kontendenti l-ohra.

L-attrici Sammut u hutha kienu wlied Vincenza Zammit li mietet fl-**10 ta` Awissu 2005**. Vincenza Zammit kienet armla. Zewgha Gaetano hallieha armla f`eta` zghira.

Fid-**19 ta` Jannar 2001**, Vincenza Zammit tat prokura generali lill-attrici. Vincenza Zammit kienet tissulloka lil Stephen Caruana hanut bl-isem Maxims, 270 High Street, Hamrun. Il-kera tal-hanut kienet ta` Lm 89.32c fix-xahar u kienet tithallas kull xahar. L-attrici kienet tigbor il-kera kull xahar u tiddeposita l-flus go kont li Vincenza Zammit kellha mal-Bank of Valletta plc. Kull sitt xhur Vincenza Zammit kienet imbaghad thallas Lm 146 bhala kera lis-sid.

L-attrici tixhed illi apparti dan hija kienet tiehu hsieb tal-bzonnijiet kollha li kienet tkun tehtieg ommha. **Anthony Galea** (li jigi hu Vincenza Zammit) xehed illi l-attrici kienet tiehu hsieb ommha u taqdiha fil-facendi u bzonnijiet taghha. Apparti l-gbir tal-kera, kienet iggibilha l-pilloli mill-ispizerija. Tiehu hsiebha meta kienet l-isptar u meta kienet ghadha tghix go darha l-Hamrun. Kull nhar ta` Hadd l-atturi kienu wkoll johorguha maghhom. Ix-xhud jaf li d-dhul ta` ohtu kien imur il-bank. Ighid illi fl-ahhar zminijiet Vincenza Zammit kienet qeghda thawwad. Ikkonferma (fol 77) li ohtu kienet ilha twieghed l-Lm 2000 lill-attrici.

Skond l-attrici, l-omm dahlet il-home tal-anzjani tal-Msida f`**Marzu 2001** U anke hemm baqghet iddur biha wkoll.

Fit-**2 ta` Gunju 2001**, Vincenza Zammit ghamlet testment fejn halliet lill-uliedha kollha bhala eredi taghha. Lill-attrici thalla legat ta` Lm 2000 konsegwibbli wara mewtha *bhala apprezzament ghas-servigi lilha resi.*

Fix-xiehda taghha, l-attrici tghid illi hija kienet taqdi lil ommha sa mill-mewt ta` missierha. Sa mill-1979, kienet tigbor il-kera tal-hanut u taghtiha lil ommha. U hi u ommha flimkien kienu jhallsu il-kera lis-sid. Aktar ma` l-omm bdiet izzid fl-eta`, aktar bdiet taghtiha ghajnuna. Kienet tghinha fix-xiri tal-affarijiet tad-dar. Issarrfilha c-cheque tat-Tezor u cioe` l-pensjoni li kienet tircievi billi r-ragel ta` Vincenza kien fil-pulizija. Kienet tmur maghha meta kien ikollha bzonn tkellem lill-avukat li kien Dr. Joseph Azzopardi llum Imhallef.

Meta l-omm kienet il-home, l-attrici tghid illi baqghet tigbor il-kera u ggibilha l-pilloli mill-ispizerija. Hi u zewgha kienu johorguha wkoll.

F`**Novembru 2003** l-attrici ma baqghetx taghti servigi lill-omm peress illi skond it-tabib tal-attrici kellha bzonn il-mistrieh u kellha tieqaf. Baqghet pero` iccempel lill-omm il-home u kultant tmur taraha.

Fit-**18 ta` Novembru 2003** Vincenza Zammit tat prokura lill-konvenuta Mary Mizzi. U b`ittra ufficjali tal-**24 ta` Novembru 2003** irrevokat il-prokura li kienet tat lill-attrici.

Fl-**4 ta` Lulju 2005** Vincenza Zammit ghamlet testment fejn hassret it-testment ta` qabel, hassret kull

skrittura li kienet ghamlet qabel (u allura anke l-prokura li kienet tat lill-attrici) hlief dik ta` Mary Mizzi, halliet bhala eredi taghha lill-konvenuti (mhux lill-attrici) u ddikjarat illi *kull wiehed jew wahda minn uliedha li ha hsiebha, jigifieri harigha, xtralha u ha hsieb ta` hwejjigha jew daru biha u ghaddew il-lejl maghha hi kkompensathom sodisfacentement kollha kemm huma f`hajjitha.*

Skond l-attrici bejn **Novembru 2003 u Awissu 2005** l-omm kienet dipendenti minn hutha specjalment Mary Mizzi u taghmel kull ma jghidulha. L-omm ghamlet ghaxar testmenti ghand sitt nutara differenti l-ahhar wiehed dak tal-4 ta` Lulju 2005. L-attrici thalliet barra mit-testmenti tas-6 ta` Dicembru 2003 u 4 ta` Lulju 2005.

**L-attrici** ssostni li hija ma thallset xejn ta` dak li ghamlet ma` ommha.

L-attrici tghid illi f`April 2005 l-omm riedet tirranga l-fatt illi kienet hallietha barra mill-wirt. Fil-fatt fit-13 ta` Gunju 2005 ghamlet testment iehor fejn rega` dahhlet lill-attrici fil-wirt. Fl-4 ta` Lulju 2005 rega` qalbet kollox anzi ziedet li kulhadd (inkluz hi) kienet thallset ghal kull ma kienet ghamlet maghha. Dak ma kien minnu xejn. Meta sar dak it-testment, l-omm kellha 85 sena u mietet xahar wara dak it-testment.

L-attrici ssostni li zewgha Louis kien jakkomoda lill-omm f`kull bzonn taghha. Flus qatt ma hadet tas-servigi ghaliex kienet sodisfatta bil-kegat ta` Lm 2000 li kien issemma fit-testment tat-2 ta` Gunju 2001.

L-omm kellha deposiziti l-Bank of Valletta. Kienet is-sid tal-fond fejn kienet toqghod 172, Triq Villambrosa, Hamrun. Kellha l-kera tal-hanut ta` High Street, Hamrun u l-pensjoni tat-Tezor.

Qabel il-mewt tal-omm, u cioe` fit-**8 ta` Lulju 2005**, id-depoziti daru kollha fuq il-konvenuti. Kienu jammontaw ghal Lm 13,244.98. L-istess il-post ghadda ghandhom b`donazzjoni favur il-konvenut fl-**4 ta` Lulju 2005**. Il-post inbiegh ghal Lm 26,000.Qabel il-mewt tal-omm, il-konvenut hargu l-flus tal-omm mill-bank u tpoggew f`isimhom.

**Margaret Vella** xehdet illi l-attrici kienet ilha tiehu hsieb ta` ommha ghal ghoxrin sena u baqghet ddur biha anke wara li dahlet il-home.

**L-attur** ikkonferma x-xiehda tal-attrici, sostna li l-omm qatt ma taghthom flus lanqas l-Lm 2000 li kienu ssemmew fit-testment tal-2001. L-unika zbanki li kienet taghmel l-attrici mill-flus tal-bank kien ghall-bzonnijiet tal-omm.

Ix-xiehda ta` l-attur tikkontrasta mad-deposizzjoni tal-**konvenut George Zammit** fis-sens illi dan afferma li Rosario Sammut kien qallu li l-atturi kienu jithallsu Lm 20 fix-xahar ghas-servigi li kienu jaghtu lill-omm. Sammut isostni li huma qatt ma thallsu xejn.

**L-Imhallef Joseph Azzopardi** xehed illi meta l-omm (li kienet klijenta tieghu) kienu tmur tkellmu hija dejjem kienet tkun akkumpanjata mill-attrici. Ma rahiex izjed wara li dahlet il-home.

**Il-konvenuta Doris Zammit** tixhed illi qabel l-omm dahlet il-home, hija kienet tghix wahedha u kienet indipendenti. Dahlet il-home ghax kienet tibza` toqghod wahedha. Tghid illi mill-kera li kienet tigbor, l-attrici kienet izomm parti minnha ghaliha u ghal familjari taghha. Issostni li l-omm tat lill-attrici Lm 2000. Qalet hekk sentejn qabel mietet meta kienet il-home. Kif inghataw ma

specifikatx. Meta l-omm kienet il-home, l-attrici tlewmet mal-omm u ma riditx tiehu hsieb aktar tal-affarijiet taghha. L-attur ikkonferma li l-omm kienet tathom Lm 400 minn wirt li kellha l-omm. L-omm kienet tghid li l-attrici kienet hadet bizzejjed u li kienet taghti flus lill-attrici meta kienet tigbor il-kera.

**__Il-konvenuta Mary Mizzi__** tixhed illi hi kellha relazzjoni tajba mal-attrici qabel mal-omm dahlet il-home u anke wara. Pero` l-attrici kienet tgorr fuq l-omm. Tghid hekk - *Jien kont ghidtilha illi peress illi kellha l-flus f`idejha peress illi ommi kienet tafdaha bil-gbir tal-kera tal-hanut li ghandna fil-Hamrun u wkoll bl-affarijiet taghha tal-bank, hi dejjem setghet tithallas ta` dak li kienet qed taghmel minghand ommi stess* (fol 64).

Mary Mizzi tixhed li skond l-omm ma kenitx ghadha thossha komda mal-attrici. Fil-fatt l-atturi ma hargux lill-omm aktar maghhom. Fl-2003, l-attrici waqfet tiehu hsieb l-affarijiet tal-omm. Gabet lura basket bil-karti kollha pero` ma kienx hemm flus kontanti. L-omm irrabjat ghax skond hi kellha Lm 3000 cash qabel dahlet il-home. Inoltre fil-kontijiet tal-bank kien hemm anqas flus milli kellu jkun hemm. Fil-basket tal-karti, l-attrici ma tatx lura l-prokura li kienet tatha l-omm. Ghalhekk kellmet avukat, irrevokat il-prokura lill-attrici u tat prokura lilha. Billi flus ma taghthiex, l-omm riedet taqta` lill-attrici mill-wirt. Minn meta l-attrici gabet il-basket, bdiet tiehu hsieb Mary Mizzi. Wara li rrevokat il-prokura lill-attrici, din xorta kienet tmur izzurha l-home pero` qatt ma daret biha jew hargitha. L-attrici qatt ma wriet lil konvenuti kif kienet qeghda tmexxi. Kliem l-omm kien illi l-attrici *hadet fuq li hadet.*

In-**__Nutar Sarah Jane Agius__** xehdet illi l-omm qaltilha li kellha l-problemi mal-attrici fit-**__18 ta` Novembru 2003__.** Iddecidiet li tnehhilha l-prokura. Ikkonferma dak li jirrizulta fit-testment tas-6 ta` Dicembru 2003.

**Joseph Mizzi**, ir-ragel tal-konvenuta Mary Mizzi, xehed illi l-atturi rrifjutaw illi jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni tal-flus bil-prokura.

**Vivienne Zammit** tixhed illi meta kienet il-home Vincenza kienet tghid illi l-attrici kienet qeghda tohdilha l-flus minghajr il-kunsens taghha.

Fil-**kontroezami**, **Mary Mizzi** xehdet illi qabel l-omm dahlet il-home, il-facendi tad-dar tal-omm kienet tiehu hsiebhom Margaret Vella. Dan jikkontrasta ma` dak illi xehdet Margaret Vella meta qalet lil Tessie damet is-snin iddur b`Vincenza.

Mary Mizzi tghid illi mill-kera tal-hanut l-omm kienet taghti lill-attrici Lm 2 kull darba. L-omm damet il-home madwar hames snin qabel mietet. L-ewwel tliet snin minn dal-hames snin l-attrici gieli hadet lill-omm l-isptar. Tessie kienet tiehu Lm 20 fix-xahar. Hekk qalet l-omm lil huha George.

Dan jikkontrasta ma` li xehed il-konvenut George Zammit fis-sens illi dak il-kliem qalu l-attur mhux l-omm.

Wara talba tal-atturi, kienu esebiti minn rapprezentant tal-Bank of Valletta l-istatements tal-kontijiet tal-bank ta` Vincenza Zammit.

Il-**konvenut George Zammit** xehed illi l-kera tal-hanut mhux dejjem kienet tidhol il-bank. Mill-flus tal-bank kien hemm Lm 2000 li kienu nieqsa. U nnota zbanki ta` Lm 40 fix-xahar. Fil-home l-omm ma kehhiex spejjez ta` medicini. Il-pensjoni tat-Tezor kienet tmur kollha biex tithallas il-home. Ma kienx jaf illi l-home kienet tithallas aktar mill-ammont tal-pensjoni tat-Tezor.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**<u>Borg vs Gaffiero et</u>**" din il-Qorti diversament presjeduta (**<u>PA/PS</u>**) ghamlet din l-osservazzjoni –

*In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp ;*

*Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens." ("**Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe**", Appell Civili, 14 ta' Frar 1938) ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "**Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875 ;*

*L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw*

*konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("**Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974; "**Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989) ;*

(ara wkoll – "**Agius vs Calleja"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958 ; **"Zammit et vs Vella noe"** – Qorti tal-Appell 1 ta` Dicembru 1958 ; **"Delicata et vs Saliba pro et noe"** – Qorti tal-Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; **"Caruana pro et noe vs Abela"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; **"Axiaq vs Mifsud et"** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952).

**Ikkunsidrat :**

## IV. Risultanzi

Huwa ben evidenti mill-assjem tal-provi li l-atturi ma pprestawx servigi lil Vincenza Zammit bil-hsieb illi ma jithallsux izda ppretendew sa mill-bidu nett li s-servigi taghhom kellhom jithallsu.

Li hekk kellu jkun jirrizulta fl-ewwel lok mill-ghamla ta` servigi li nghataw fuq firxa ta` snin (kif ikkonfermaw persuni li mhumiex il-kontendenti). Kienu pretazzjonijiet (li din il-Qorti diga` ssenjalat) li ma kienux minn dawk is-semplici u ovvji li kull wild b`mod naturali jaghti lill-genitur. Kienu pretazzjonijiet li jmorru oltre t-turija ta` rispett naturali ghaliex kienu jinvolvu l-immaniggjar ta` flus inkluz gbir ta` kera, depositi fil-banek, u hlasijiet lil terzi li ma jistghux jitqiesu bhala hwejjeg ta` kuljum ghal min dawk il-flus ma jkunux tieghu, mhumiex materji ghal kulhadd u

jgorru maghhom certa responsabilita`. Fit-tieni lok, li ma kienx l-intiza tal-gratuwita` huwa konfermat mid-dikjarazzjoni illi Vincenza Zammit stess ghamlet fit-testment taghha tat-2 ta` Gunju 2001 fejn mhux biss irrikonoxxiet li Theresa Sammut kienet irrendiet servigi lilha izda sahanistra stabbiliet l-ammont tal-kumpens ta` Lm 2000, li bih l-attrici kienet sodisfatta.

Kif setghet tapprezza din il-Qorti mill-mgieba tal-partijiet fil-kawza, specjalment waqt id-deposizzjonijiet taghhom, huwa altru milli evidenti illi bejn il-partijiet mhux biss *marru `l bahar* forsi anke rrimedjabilment r-relazzjonijiet familjari taghhom izda dahlu bejniethom pika, *bad blood* u suspetti bla bzonn li wassluhom il-qorti.

Din il-Qorti qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex fil-kaz tal-lum il-kwistjoni ma kellha qatt tkun dik jekk l-atturi jew min minnhom ipprestawx servigi lil Vincenza Zammit izda jekk l-atturi thallsux “b`idejhom” jew minn Vincenza Zammit ghas-servigi li rrendew.

Li l-atturi specjalment l-attrici rrendew servigi rrizulta, fil-fehma ta` din il-Qorti, b`mod sodisfacjent u sal-grad rikjest mil-ligi.

Li trid tara din il-Qorti huwa jekk fil-fatt kienux thallsu ghal dawk is-servigi.

Issa fuq punt ta` dritt din il-Qorti tghid illi ladarba l-konvenuti l-hin kollu sostnew li l-atturi kienu thallsu tas-servigi kienet tispetta lilhom il-prova tal-pagament ladarba bil-mod kif kienu qeghdin jiddefendu ruhhom mill-istanza attrici kienu qeghdin jinvokaw il-pagament.

Qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni ta` din il-kwistjoni, din il-Qorti sejra teskludi dak li mhuwiex mertu

ta` din il-kawza. Mhuwiex mertu ta` din il-kawza kif l-attrici amministrat il-flus tal-omm meta kienet il-prokuratrici taghha. Jekk il-konvenuti jidhrilhom li l-attrici amministrat hazin, kellhom jipprocedu diversament *per via di azione*. Mela kull prova li tpendi lejn din id-direzzjoni sejra tigi skartata bhala rrilevanti.

Il-konvenuti qeghdin prattikament jiddefendu ruhhom kontra l-istanza attrici prattikament fuq dak li jirrizulta li ddikjarat Vincenza Zammit fit-testment taghha fl-4 ta` Lulju 2005, fuq dak li jghidu li qaltilhom l-omm u fuq kliem l-attur li huma kienu jithallsu tas-servigi.

Din il-Qorti qieset bl-akbar reqqa l-provi f`dan ir-rigward u tistqarr bl-akbar serenita` li mhijiex sodisfatta bil-pretensjoni tal-konvenuti li l-atturi thallsu tas-servigi.

Fit-testment taghha tal-**<u>4 ta` Lulju 2005</u>**, Vincenza Zammit iddikjarat illi *kull wiehed jew wahda minn uliedha li ha hsiebha, jigifieri harigha, xtralha u ha hsieb ta` hwejjigha jew daru biha u ghaddew il-lejl maghha hi kkompensathom sodisfacentement kollha kemm huma f`hajjitha.*

Mill-grajjiet li sehhew matul ix-xhur ta` Lulju u Awissu 2005 johrog kwadru fejn din il-Qorti ma tistax taghti affidament lil dak dikjarat minn Vincenza Zammit limitatament dwar in-natura tal-kawza tal-lum.

Rinfaccjata mill-prova attrici illi servigi ma thallsux u illi l-legat ta` l-hlas ta` kumpens ghal servigi ma kien qatt kien revokat fit-testmenti li ghamlet Vincenza Zammit qabel l-4 ta` Lulju 2005, din il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt illi dakinhar stess li sar l-ahhar testment ta` Vincenza Zammit, kien pubblikat l-att li permezz tieghu kienet donata lill-konvenuti l-unika mmobbli li kienet tippossjedi Vincenza Zammit as eskluzjoni tal-attrici, illi fit-**<u>8 ta` Lulju</u>**

**2005**, id-depoziti bankarji kollha li kellha Vincenza Zammit daru kollha fuq il-konvenuti ad eskluzjoni tal-attrici. U dan kollu sehh xahar u ftit granet biss qabel il-mewt taghha. B`mod illi ghajr ghall-kera tal-hanut fil-wirt ta` Vincenza Zammit ma kien baqa` xejn aktar.

Din il-Qorti m`ghandhiex rasha mistrieh illi dik id-dikjarazzjoni fit-testment ta` Vincenza Zammit tal-4 ta` Lulju 2005 tista` tikkostitwixxi prova tajba u sufficjenti kontra l-atturi fil-pretensjoni taghhom ghall-hlas ta` servigi.

Hemm imbaghad konsiderazzjoni daqstant rilevanti illi minn ezami tal-*statements* tal-bank ma hemm l-ebda evidenza tangibbli, serja u determinanti illi waqt li l-attrici kienet prokuratrici tal-omm kien hemm *siphoning* ta` fondi favur taghha kontra l-interess ta` Vincenza Zammit.

Kif daqstant iehor ma kienx pruvat bl-ebda mod illi l-attrici kellha fil-pussess bosta flus kontanti appartenti lill-omm.

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` l-ewwel talba**.

Dwar it-tieni talba, din il-Qorti tghid illi l-gurisprudenza stabbiliet linji gwida ta` kif ghandu jsir il-kalkolu tal-kumpens relattiv –

1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;
2) il-mezzi tal-persuna li bbenifika mill-prestazzjonijiet ;
3) il-parentela ta’ l-atturi mad-decuius ;
4) L-isforzi agguntivi li taw is-servienti biex jaqdu lid-decuius ;
5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe’ jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;
6) jekk il-servienti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.

(ara "**Vassallo vs Aquilina"** – Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta' Gunju, 1982, **"Cutajar vs Vella"** – Prim Awla tal-Qorti Civili - 6 ta' April, 1982, u **"Buhagiar vs Mifsud"** – Prim Awla tal-Qorti Civili - 1 ta' Frar, 1983).

Fl-2001, Vincenza Zammit kienet stabbiliet (bl-ghoti tal-legat) li s-servigi tal-attrici kellhom jigu kompensati fl-ammont ta` Lm 2000. L-attrici kienet sodisfatta b`dik is-somma. Jekk qabel l-omm dahlet fil-home, l-attrici kienet tippresta ghajnuna lill-ommha li kien imur oltre l-immanigjar tal-flus, meta l-omm dahlet il-home fl-2001, il-prestazzjonijiet taghha mhux finanzjarji naqsu notevolment. L-immanigjar tal-flus imbaghad spicca b`decizjoni li hadet l-attrici fl-2003.

Kollox meqjus, din il-Qorti tghid illi l-figura ta` €4658.75c (ekwivalenti ghal Lm 2000) hija gusta sabiex tigi likwidata bhala servigi a favur tal-atturi anke wara li qieset l-insenjamenti tal-Qrati taghna fosthom is-sentenza **"Delicata vs Saliba"** (Qorti tal-Appell – 22 ta` Meejju 1989).

In kwantu ghat-**tielet talba**, il-hlas ghandu jsir mill-konvenuti flimkien.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u tillikwida favur l-atturi l-ammont ta` erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€4658.75c) bhala kumpens ghas-servigi, kura u assistenza resi lill-mejta Vincenza Zammit.**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta` erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€4658.75c) bhala kumpens ghas-servigi, kura u assistenza resi lill-mejta Vincenza Zammit, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------